

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 163/2009

tas-26 ta' Frar 2009

**li jemenda l-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, il-kontroll u l-eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabbilixxi r-regoli għall-prevenzjoni, il-kontroll u l-eradikazzjoni ta' ċerti enċefalopatiji sponġiformi li jinxterdu <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 23 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 jistabbilixxi r-regoli għall-prevenzjoni, il-kontroll u l-eradikazzjoni fl-annimali tal-enċefalopatiji sponġiformi li jittieħdu (TSEs). Huwa japplika għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' annimali ħajjin u ta' prodotti li ġejjin mill-annimali u f'ċerti każijiet speċifiċi għall-esportazzjoni tagħhom.

(2) L-Artikolu 7(1) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 jistipula li huwa pprobit l-għalf lir-ruminanti u annimali oħra bi proteini li joriġinaw mill-annimali. L-Anness IV ta' dak ir-Regolament jistipula d-derogazzjonijiet għal din il-projbizzjoni.

(3) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/126/KE tat-23 ta' Diċembru 2003 dwar il-metodu analitiku għad-determinazzjoni tal-kostitwenti li jkunu ġejjin mill-annimali għall-kontroll uffiċjali tal-għalf <sup>(2)</sup> tipprovdi li l-analiżi uffiċjali tal-għalf bil-ħsieb li jiġu kkontrollati uffiċjalment il-preżenza, l-identifikazzjoni jew l-istima tal-ammont tal-kostitwenti li jkunu ġejjin mill-annimali fl-għalf, għandhom jitwettqu skont dik id-Direttiva.

(4) Għal dawn l-għanijiet, il-Laboratorju tar-Referenza tal-Komunità għall-identifikazzjoni fl-għalf tal-proteini li jkunu ġejjin mill-annimali (CRA-W), bħala parti mill-

programm ta' ħidmiet annwali tiegħu għamel testijiet tal-profiċjenza fuq il-laboratorji u dawn urew il-kapaċità tajba tal-laboratorji li jidentifikaw ammonti żgħira ta' kostitwenti ta' orijini mill-annimali fl-għalf meta jużaw il-metodu analitiku deskritt fid-Direttiva 2003/126/KE.

(5) Dan it-titjib fis-servizz tal-laboratorji wassal għall-identifikazzjoni tal-preżenza aċċidentali ta' spikuli tal-għadam, partikolarment fl-uċuh tar-raba' tat-tuberi u l-għeruq. B'konformità mar-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali magħmulin bl-għan li jassiguraw l-osservanza tal-liġi dwar l-għalf u l-ikel, u r-regoli dwar is-saħħa u l-ġid tal-annimali <sup>(3)</sup>, għandhom jittieħdu l-miżuri xierqa f'każ ta' nuqqas ta' osservanza, li jistgħu jinkludu l-qerda tal-konsenja.

(6) Il-punt A (d) tal-Parti II tal-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 999/2001 jagħmel proviżjoni għal deroga mill-projbizzjoni stipulata fl-Artikolu 7 (1) u (2) ta' dak ir-Regolament biex jista' jiġi permess mill-Istati Membri l-għalf tal-annimali tal-irziezet bit-tuberi u l-għeruq u ikel ieħor li fih dawn il-prodotti, anki wara li jkun instab li fihom b'hejje tal-għadam jekk tkun saret valutazzjoni tar-riskji li tirriżulta favorevoli.

(7) Ġie pprovat il-fatt li l-kontaminazzjoni ambjentali waqt il-ħsad tal-pjanti għall-għalf b'materjali bħal mhuma spikuli tal-għadam ma tistax tiġi evitata. B'konformità ma' dan, id-deroga stipulata fil-punt A (d) tal-Parti II tal-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 999/2001 dwar it-tuberi u l-għeruq trid titwessa' biex tinkludi l-kostitwenti veġetali kollha tal-għalf taħt ċerti kundizzjonijiet.

(8) Ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(9) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

<sup>(1)</sup> ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 339, 24.12.2003, p. 78.

<sup>(3)</sup> ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Fil-Parti II tal-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 999/2001, il-punt A (d) jinbidel b'dan li ġej:

“(d) it-tmiġh lill-annimali mrobbija ta' materjali ta' oriġini veġetali u ta' għalf li jkun fih it-tali prodotti wara li jkunu nstabu xi spikuli tal-għadam, jista' jiġi permess mill-Istati

Membri jekk ikun hemm evalwazzjoni tar-riskji favorevoli. L-evalwazzjoni tar-riskji għandha talanqas tqis l-ammont u s-sors possibbli tal-kontaminazzjoni u d-destinazzjoni ahħarja tal-konsenja.”

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u huwa applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 26 ta' Frar 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Androulla VASSILIOU

*Membru tal-Kummissjoni*

---